# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

It-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Numru Tlieta u Erbgħin (43) – Laqgħa b'urġenza**

**6 ta' Diċembru 2021**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' b'mod virtwali fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr. Christian Zammit – Sindku
Stefan Bajada – Kunsillier
Victor John Curmi – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI:**

Aaron Agius – Viċi Sindku
Anthony Attard - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ivan Attard – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dr. Christian Zammit ippresieda l-laqgħa.

**43.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

43.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard ippreżenta u qara l-ittra ta' apoloġija tal-Viċi Sindku Aaron Agius u tal-Kunsillier Anthony Attard li ma setgħux jattendu għal-laqgħa tal-lum minħabba raġunijiet personali.

43.1.2 Il-Kunsilliera preżenti unanimament aċċettaw din l-apoloġija.

**43.2 Is-sitwazzjoni fi Triq il-Marga, Xaghra Ghawdex**

43.2.1 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li huwa sejjaħ din il-laqgħa b'urġenza sabiex il-Kunsill ikun jista' jiddiskuti s-sitwazzjoni attwali fi Triq il-Marga fil-lokalita' taghna.

43.2.2 Is-Sindku qal li l-Perit tal-Kunsill, Edward Scerri, ghamel zjara fuq din it-triq u, minhabba l-istat perikoluz li tinsab fiha, qed jirrakkomanda li din it-triq issir temporanjament *one way* 'l isfel sabiex il-vetturi li jkunu ghaddejjin minnha jevitaw l-aktar partijiet perikoluzi taghha.

43.2.3 Is-Sindku qal ukoll li jinsab f'kuntatt mal-Ministeru ghal Ghawdex rigward il-possibilita' li l-istess Ministeru jiffinanzja x-xoghlijiet ta' manutenzjoni urgenti fuq din it-triq minhabba l-periklu li tista' ccedi minn moment ghal iehor, bil-konsegwenzi kollha negattivi li dan igib mieghu.

43.2.3 Il-Kunsillier Victor Curmi propona li din it-triq issir *one way* 'il fuq biex hekk is-sitwazzjoni tat-traffiku tigi wahda cirkulari pero' s-Sindku wiegeb li ma jixtieqx li jmur kontra l-parir tekniku tal-Perit Edward Scerri. Il-Kunsillier Victor Curmi staqsa dwar il-possibilita' li jitpoggew ukoll ftit *bollards* li jixeghlu bil-lejl bhalma hemm fit-Triq tal-Imgarr Malta u l-Kunsill qabel li ghandna niccekkjaw mal-Ministeru ghal Ghawdex jekk ghandhomx *bollards* simili li jistghu jintuzaw ghal dan l-iskop.

43.2.4 Wara diskussjoni, il-Kunsilliera prezenti qablu li ghandna nimxu mal-parir tekniku tal-Perit Edward Scerri li din it-triq issir immedjatament *one way* ‘l isfel u ghaldaqstant ser nitolbu l-approvazzjoni ta’ Transport Malta. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandna ninkarigaw lill-Perit Scerri sabiex jipprepara stima dettaljata tax-xoghlijiet involuti f’din it-triq, liema stima titressaq ghall-attenzjoni tal-Ministeru ghal Ghawdex.

43.2.5 Il-laqgha tal-Kunsill intemmet fis-5.45pm.

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

**Dr. Christian Zammit**
**Sindku**

**Ivan Attard**
**Segretarju Eżekuttiv**